***SJA FOUNDATION***
Ċentru Antida
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**REG. NO. VO/0005/4th May 2008**

**www.antidemalta.com**

# POLITIKA GĦALL-VOLONTARJAT SOĊJALI FI ĦDAN IL-FONDAZZJONI

## Kodiċi ta' Prattika għal Voluntiera

**Il-voluntiera kollha tal-Fondazzjoni St Jeanne Antide huma mistennija li jaġixxu skont dan il-Kodiċi ta' Prattika. Dan il-kodiċi jipproteġi u jippromwovi l-interessi ta' dawk li jużaw is-servizzi tal-Fondazzjoni u tal-familjari tagħhom. Jagħti wkoll appoġġ lill-voluntiera nfushom billi jispjega l-imġiba mistennija u l-parametri li jridu jinżammu.**

**X'inhu l-Kodiċi?**
**Il-kodiċi ta' prattika hu lista ta' dikjarazzjonijiet li jiddeskrivu standards ta' kondotta u prattika li voluntiera fil-qasam tal-kura soċjali jridu jħaddmu waqt il-ħidma ta' appoġġ socjali li jagħtu kull jum fil-komunità.**

**STANDARD 1: Ħares id-drittijiet u ppromwovi l-interessi ta' dawk li jużaw is-servizz u tal-familjari tagħhom.**

**Dan ifisser li <u>int mistenni jew mistennija li</u>:**
1. **Tittratta lil kull persuna bħala individwu;**
2. **Tirrispetta l-fehmiet u x-xewqat tal-individwu;**
3. **Tagħti appoġġ lid-drittijiet ta' dawk li jużaw is-servizz ħalli huma jikkontrollaw ħajjithom u jkunu kapaċi jagħmlu għażliet infurmati;**
4. **Tirrispetta u ssostni d-dinjità u l-privatezza ta' dawk li jużaw is-servizz;**
5. **Tippromwovi opportunitajiet ugwali;**
6. **Tirrispetta d-diversità.**

**STANDARD 2: Stabbilixxi u sostni l-fiduċja.**

**Dan ifisser li <u>int mistenni jew mistennija li</u>:**
1. **Tkun onest/onesta u li tista' tkun fdat jew fdata;**
2. **Tikkomunika b'mod miftuħ, onest u b'mod dirett;**
3. **Tirrispetta l-konfidenzjalità;**
4. **Tispjega b'mod ċar il-politika tal-organizzazzjoni dwar il-konfidenzjalità lil dawk li jużaw is-servizz u lill-familjari tagħhom;**
5. **Tkun ta' min joqgħod fuqek;**
6. **Taġixxi f'konformità mal-linji ta' politika u mal-proċeduri tal-organizzazzjoni;**
7. **Tiddikjara bil-miftuħ kwistjonijiet li jistgħu joħolqu konflitti ta' interess u tiżgura li dawn ma jinfluwenzawx il-ġudizzju jew il-prattika tiegħek;**
8. **Issegwi l-linji ta' politika u l-proċeduri tal-organizzazzjoni dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali u flus mingħand dawk li jużaw is-servizz u tal-familjari tagħhom;**
9. **Tunura l-impenji, ftehim u arranġamenti tiegħek u, meta mhux possibbli li tagħmel dan, tispjega għaliex.**

**STANDARD 3: Ippromwovi l-indipendenza.**

**Dan ifisser li <u>int mistenni jew mistennija li</u>:**

1. **Tgħin lil dawk li jużaw is-servizz biex jifhmu u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom;**
2. **Tgħin lil dawk li jużaw is-servizz jiċċalinġjaw u jirrappurtaw imġiba u prattika perikoluża, abużiva u diskriminatorja;**
3. **Tispjega kwistjonijiet ta' saħħa u sigurtà;**
4. **Tgħin lil dawk li jużaw is-servizz u lill-familjari tagħhom biex jagħmlu lmenti, kummenti u kumplimenti.**

**STANDARD 4: Irrispetta d-drittijiet ta' dawk li jużaw is-servizz filwaqt li tfittex li tiżgura li l-imġiba tagħhom ma tagħmilx ħsara la lilhom u lanqas lil persuni oħrajn.**

**Dan ifisser li <u>int mistenni jew mistennija li</u>:**

1. **Issegwi l-valutazzjonijiet tar-riskji li jkunu fis-seħħ;**
2. **Tieħu l-passi neċessarji li tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskji ta' dawk li jużaw is-servizz li jikkaġunaw ħsara lilhom infushom jew lil persuni oħrajn;**
3. **Tinforma persuni oħrajn b'bidliet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurtà ta' dawk li jużaw is-servizz.**

**STANDARD 5: Sostni l-fiduċja pubblika fis-servizzi tal-kura soċjali.**

**Dan ifisser li <u>INT M'GĦANDEKX</u>:**

1. **Tabbuża, tesplojta, titlaq għal rashom jew tagħmel ħsara lil dawk li jużaw is-servizz, lill-familjari tagħhom jew lill-impjegati;**
2. **Tabbuża mill-fiduċja ta' dawk li jużaw is-servizz u tal-familjari tagħhom jew mill-aċċess li inti għandek għal informazzjoni personali dwarhom jew għall-propjetà tagħhom;**
3. **Tidħol f'relazzjonijiet personali mhux xierqa ma' dawk li jużaw is-servizz;**
4. **Tiddiskrima jew tiskuża d-diskriminazzjoni;**
5. **Tqiegħed lilek innifsek jew persuni oħrajn f'riskju bla bżonn.**

**STANDARD 6: Kun lest jew lesta li tagħti kont għall-kwalità tal-appoġġ li tagħti.**

**Dan ifisser li <u>int mistenni jew mistennija li</u>:**

1. **Tinforma lill-koordinatur tiegħek b'kull diffikultà li tista' tolqot il-kapaċità tiegħek li taqdi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tiegħek bħala voluntier;**
2. **Tieħu t-taħriġ rilevanti biex iżżomm u ttejjeb l-għarfien u l-ħiliet;**
3. **Tkun ta' min joqgħod fuqek u tkun lest jew lesta li timpenja ruħek biss sa dak li tista' tagħti;**
4. **Tinforma lill-koordinatur tiegħek fi żmien biżżejjed qabel jekk ma tkunx tista' tattendi laqgħa ta' servizz jew taħriġ;**
5. **Tasal 10 minuti qabel il-ħin miftiehem;**
6. **Tilbes ilbies xieraq għall-attività tiegħek;**
7. **Tkun entużjasta;**
8. **Tuża lingwaġġ xieraq.**